SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 05/KA1/10

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 22/11/'10 5**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 22/11/'10 6**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 22 ta' Novembru 2010.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-6.00 p.m.

1.03 Preżenti:
Iċ-Chairperson Richard Scicluna
Il-Viċi-Chairperson Joe De' Conti Manduca
Membru Karl Consiglio
Membru Joseph Oliva
Membru Carmel Agius

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar.

1.04 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fis-17 ta' Novembru 2010. l-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta’ Minuti
2. Korrispondenza
3. Parking meters f’Paceville
4. Garaxxijiet li mhumiex jintuzaw bħala garaxx
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
6. Approvazzjoni ta’ Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman ressaq il-Minuti 04a/KA1/10 għall-approvazzjoni u ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.02 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

1.3.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

1.3.04 Iċ-Chairman ressaq il-Minuti 04b/KA1/10 għall-approvazzjoni.

1.3.05 Il-Viċi-Chairman ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 04b/KA1/10.

1.3.06 Il-Membru Karl Consiglio ssekondah.

1.3.07 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 4138& 4776 | Emails mingħand Joseph Agius rigward Triq San Gorg, Paceville (faċċata l-ex Go Exchange) biex tkun aċċessibli għar-residenti. |
| 4341 | Email mingħand Lara Buttigieg rigward talba għar-reserved parking fi Triq Spinola. |
| 4615 | Ittra mingħand Palanca Limited rigward talba għal-Loading/Unloading quddiem il-Buon Caffe. |
| 5841 | Email mingħand l-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward ħlasijiet ta’ Permessi maħruġa f’Paceville. |

5971 Ittra mingħand Luciano Ursino rigward talba għal-Loading / Unloading quddiem Giotto Restaurant fi Triq Spinola.

6060 Email mingħand David Soler rigward ir-rapport tad-Datatrak.

6127 Ittra mingħand Gustav Cuschieri u Thomas Mahoney rigward talba biex tingħalaq Triq Ball għal sfilata tal-moda li tinkludi palk u tapit aħmar.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 4138 u 4776

2.02 Saret riferenza għall-emails mingħand Joseph Agius rigward Triq San Ġorġ, Paceville (faċċata l-ex GO Exchange) biex tkun aċċessibli għar-residenti. Ġie deċiż unanimament illi tintbagħat talba lit-Transport Malta sabiex fuq it-tabelli li hemm ta' **"no entry except for authorised vehicles"** fi Triq San Ġorġ, mill-ex GO Exhange sal-Burger King, jiżdied il-kliem **"except for residents only".**

Rif. Nru. 4341

2.03 Saret riferenza għall-email mingħand Lara Buttigieg rigward talba għar-reserved parking fi Triq Spinola. Ġie deċiż unanimament illi tintbagħat talba lit-Transport Malta sabiex jiġi rrakkomandat li ssir disabled bay personalizata bin-numru tal-vettura tagħha skont il-ħinijiet li taħdem dment li għandha l-blue sticker.

Rif. Nru. 4615 & 5971

2.04 Saret riferenza għall-ittri mingħand Palanca Limited u Luciano Ursino rigward talbiet għal Loading/Unloading bays quddiem il-Buon Caffe' fi Triq Wilga u quddiem Giotto Restaurant fi Triq Spinola. Ġie deċiż unanimament illi t-Transport Malta tiġi nfurmata illi sakemm jitlesta l-istudju li qed jagħmel il-Kumitat Amministrattiv rigward it-traffic management f'Paceville, qed jigi rrakkomandat li ma jinħargux aktar permessi għal-Loading/Unloading bays.

Rif. Nru. 6127

2.05 Saret riferenza għall-ittra mingħand Gustav Cuschieri u Thomas Mahoney rigward talba biex tingħalaq Triq Ball għal isfilata tal-moda li tinkludi palk u tapit aħmar. Ġie deċiż unanimament li:-

- Il-Kumitat joġġezjona għal dan it-tip ta' permess minħabba li qed jinħoloq inkonvenjenza għar-residenti u l-pubbliku nġenerali.

- Jiġi nfurmat is-Supt. Stephen Gatt b'din id-deċiżjoni.

2.06 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kumitat illi:-

- Saret talba verbali minn rapprezentant tal-lukanda The George's sabiex tiġi rrilaxxata l-bank guarantee mill-MEPA fir-rigward il-PA/00950/09 u PA6723/07 (Ara Appendiċi 'A'). Ġie deċiż unanimament illi ma tiġix rilaxxata l-bank guarantee sakemm tiġi rranġata l-bankina u l-lamp post li hemm mdawwar għal fuq il-lukanda The George's.

- Ġiet approvata l-ewwel fazi tal-proġett għall-aċċessibbilita' aħjar in-naħa tal-Cavalieri Hotel f'Xatt is-Sajjieda (PA no. 2142/09). Il-Kumitat ġie nfurmat ukoll illi l-Kunsill għandu l-ħsieb li japplika għat-tieni fazi ta' dan il-proġett.

## 3 Parking meters f'Paceville

3.01 Fir-rigward tal-parking meters f'Paceville, is-Sindku nforma lill-Kumitat illi din il-materja kienet diġa ġiet diskussa snin ilu ma' l–Onor. Ministru Dr. Austin Gatt, fejn kien infurmah illi ma kienx hemm il-ħsieb li dawn isiru għalissa.

3.02 F'dan l-istadju ġie deċiż unanimament illi din il-materja terga' tiġi diskuss aktar il-quddiem.

## 4 Garaxxijiet li mhumiex jintuzaw bħala garaxx

4.01 Wara diskusjoni qasira ġie deċiż unanimament illi 'l quddiem isir studju rigward il-garaxxijiet li mhumiex jintużaw bħala garaxx, flimkien ma' studju rigward it-taxis stands f'Paceville.

## 5 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

5.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni u ppropona l-approvazzjoni tagħhom (Ara Appendiċi 'B').

5.02 Il-Membru Karl Consiglio ssekondah.

5.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**6 Approvazzjoni ta'  Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru.  37 sa 43 għall-approvazzjoni. (Ara Appendiċi 'C').

6.02 Il-Membru Karl Consiglio ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

6.03 Il-Membru Carmel Agius issekondah.

6.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

6.05 Ġie deċiż unanimament illi l-laqgħa ta' Diċembru ssir nhar it-Tnejn 6 ta' Diċembru 2010.  Dan minħabba li f'Diċembru jkun hemm ħafna attivitajiet.

6.06 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fis-7.30 p.m.

**Richard Scicluna**
**Chairperson**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**